**Suggete**

Servizz pubbliku — L-ewwel nett, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta illi tiċħad il-kandidatura tar-rikorrenti għall-pożizzjoni ta' assistent amministrattiv fil-qasam "Finanzi u għoti ta' kuntratti pubbliċi" kif ukoll id-deċiżjoni illi taħtar lil kandidat ieħor. It-tieni nett, talba għal kumpens għad-danni morali u materjali illi allegatament ġarrbet ir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *C. Trentea għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.*

---

([1]) ĠU C 13, 15.01.2011, p. 43.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Ottubru 2012 — Psarras vs ENISA**

**(Kawża F-118/10)** ([1])

***(Servizz Pubbliku — Assenjazzjoni — Assenjazzjoni mill-ġdid — Interess tas-servizz — Leave għal raġunijiet personali)***

(2013/C 38/56)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Aristidis Psarras (Héraklion, il-Greċja) (rappreżentanti: inizjalment É. Boigelot u S. Woog, avukati, sussegwentement É. Boigelot, avukat)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (rappreżentanti: E. Maurage, aġent, assistit minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

**Suġġett**

Servizz pubbliku — Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent jitneħħa mill-kariga tiegħu ta' kontabbli tal-Aġenzija u li tinħatar persuna oħra sabiex taqdi din il-kariga. Min-naħa l-oħra, talba sabiex ir-rikorrent jitħallas somma bħala kumpens għad-dannu subit minħabba l-atti kkontestati u minħabba l-fastidju li huwa jallega li subixxa.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2010 tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni li ttemm, b'effett immedjat, is-servizzi ta' A. Psarras bħala kontabbli u li taħtar lil X, membru tal-persunal tal-baġit, fil-pożizzjoni ta' kontabbli għal żmien indeterminat, kif ukoll id-deċiżjoni tal-1 ta' Marzu 2010 adottata konsegwentement mid-Direttur Eżekuttiv u li tassenja mill-ġdid ffunzjonijiet ġodda lil A. Psarras, huma annullati.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti minn A. Psarras.*

---

([1]) ĠU C 63, 26.02.2011, p. 34.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-13 ta' Diċembru 2012 — BW vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-2/11)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reklutaġġ — Uffiċjal bi prova — Nuqqas ta' ħatra bħala uffiċjal permanenti fi tmiem il-perijodu ta' prova — Motivazzjoni tad-deċiżjoni li jitkeċċa l-impjegat taħt prova — Drittijiet tad-difiża)***

(2013/C 38/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* BW (Brussel, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi, S. Bonté u A. Blot, avukati, sussegwentement minn H. Soland, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u P. Pecho, aġenti, sussegwentement minn J. Baquero Cruz, aġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni sabiex jitkeċċa r-rikorrent fi tmiem tal-perijodu ta' prova, kif ukoll il-kumpens għad-danni li arrekatlu din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *BW hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha u kif ukoll għall-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 72, 05.03.2011, 36.